# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Novembru, 2019.**

**Numru 12**

**Rikors numru 990/13JZM**

**J. & J. Gauci Granite Limited (C21612)**

**v.**

**V G Tiles Co. Limited (C6957)**

PRELIMINARI:

1. Dawn huwa appell ad istanza tas-soċjeta` konvenuta mis-sentenza tas-17 ta' Ġunju 2014 mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tiegħu qed titlob lil din il-Qorti sabiex tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellate, bl-ispejjez kontra s-soċjeta` attriċi appellata.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-

ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

“I. Preliminari

“Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-16 ta` Ottubru 2013 li jaqra hekk :-

*“1. Illi s-socjeta` rikorrenti tissuplixxi l-irham lis-socjeta` intimata liema merkanzija giet mibjugha u debitament konsenjata fuq perjodu ta` zmien lill-intimat.*

*“2. Illi n-negozju bejn il-partijiet kien isir bi kreditu u matul dawn l-ahhar snin, is-socjeta` intimata tellghet debitu ammontanti ghas-somma ta` tlieta u disghin elf, seba` mija u ghoxrin Ewro (€93,720.00) fuq din l-istess merkanzija debitament konsenjata.*

*“3. Illi dan l-ammont mhuwiex kontestat stante li l-partijiet irrikonciljaw il-fatturi u ftehmu li dan l-ammont huwa dovut.*

*“4. Illi l-partijiet iffirmaw ftehim fit-18 ta` Awwissu 2009 (Dok JG1) fejn is-socjeta` intimata kkostitwixxiet ruhha debitrici certa, likwida u dovuta tas-socjeta` rikorrenti ghas-somma komplessiva ta` tlieta u disghin elf, seba` mija u ghoxrin Ewro (€93,720.00), somma ta` flus rapprezentanti xoghol mibjugh u debitament konsenjat f`diversi partiti fejn is-socjeta` intimata obbligat ruhha li thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` seba` mitt Ewro (€700.00) fix-xahar. L-ewwel minn tlett pagamenti li saru kontra dan l-ammont maqbul kien dak li thallas meta giet iffirmata l-iskrittura, senjatament fis-somma ta` elfejn u mitt Ewro (€2,100) ghax-xhur ta` Gunju, Lulju u Awwissu 2009.*

*“5. Illi t-tieni pagament effetwat mis-socjeta` intimata sar fis-27 ta` Mejju 2010 meta thallset is-somma ta` elfejn u mitt Ewro (€2,100). It-tielet pagament ukoll ghall-€2,100 sar fid-9 ta` Lulju 2011. Minn dakinhar ma sar l-ebda pagament iehor sabiex jinqata` l-ammont dovut u s-socjeta` intimata giet kemm-il darba mgharrfa bil-miktub mis-socjeta` rikorrenti li dan l-ammont ghadu dovut u li jekk is-sitwazzjoni ma tirregolax ruhha, ikollhom jittiehdu l-passi legali opportuni.*

*“6. Illi fl-iskrittura msemmija, il-partijiet qablu li fil-kaz li s-socjeta` intimata tonqos minn li taghmel zewg pagamenti gew taqa` lura f`ammont ta` elf u erba` mitt Ewro (€1,400.00), id-debitur jitlef il-beneficcju tat-terminu, l-ammont kollu jsir dovut minnufih u jakkrixxi l-imghax skont il-ligi fuq kull ammont dovut mid-data tal-iskrittura sal-pagament effettiv.*

*“7. Illi l-bilanc ta` sebgha u tmenin elf, erba` mija u ghoxrin Ewro (€87,420.00) dovuti skont l-imsemmi ftehim ghadu pendent*

*sal-lum u s-socjeta` intimata ghadha sal-lum, inadempjenti nonostante d-diversi ittri nterpellatorji mibghuta mis-socjeta` rikorrenti (Dok JG3 – Dok JG6).*

*"8. Illi dan il-bilanc ta` debitu tal-intimat fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti huwa cert, likwidu u skadut ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, is-socjeta` intimata m`ghandhiex eccezzjonijiet x`taghti.*

*"9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*"Ghaldaqstant l-esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

*"1. Tiddikjara lis-socjeta` rikorrenti kreditrici tal-intimat ghas-somma ta` sebgha u tmenin elf u erba` mija u ghoxrin Ewro (€87,420.00) rapprezentanti bilanc ta` prezz oltre imghaxijiet legali mit-18 ta` Awwissu 2009 sad-data ta` pagament effettiv;*

*"2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` sebgha u tmenin elf u erba` mija u ghoxrin Ewro (€87,420.00) rapprezentanti bilanc ta` prezz oltre imghaxijiet legali mit-18 ta` Awwissu 2009 sad-data ta` pagament effettiv;*

*"3. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Art 167 ta` Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*"Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 1 ta` Gunju 2012 u tal-mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mit-18 ta` Awwissu 2009 sad-data tal-pagament effettiv, dovuti kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

"Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

"Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat is-socjeta` konvenuta fit-2 ta` Dicembru 2013 a tenur tal-Art 170(1) tal-Kap 12

"Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tat-2 ta` Dicembru 2013 fejn is-socjeta` konvenuta nghatat il-fakolta` li tipprezenta risposta guramentata fi zmien ghoxrin (20) gurnata b`effett mid-data ta` dik l-udjenza.

"Rat illi s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta guramentata kif ikkostatat u vverbalizzat din il-Qorti kif presjeduta fl-udjenza tat-13 ta` Marzu 2014.

“Semghet ix-xiehda ta` John Mary Gauci, direttur tal-kumpannija attrici, fl-udjenza tat-13 ta` Marzu 2014.

“Rat illi fl-istess udjenza, id-difensur tal-kumpannija konvenuta talab li jipprezenta nota ta` osservazzjonijiet.

“Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-kumpannija konvenuta tipprezenta nota ta` osservazzjonijiet sat-13 ta` April 2014, bil-visto jew notifika tal-avukat tal-kontroparti, u bil-fakolta` ghall-kumpannija attrici li tipprezenta nota responsiva fi zmien xahar mid-data tan-notifika lill-avukat taghha tan-nota ta` osservazzjonijiet tal-kumpannija konvenuta.

“Rat illi l-kumpannija konvenuta baqghet ma pprezentatx nota ta` osservazzjonijiet.

“Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

“Ikkunsidrat :

“II. Il-fatti

“Fit-18 ta` Awissu 2009, il-partijiet ghamlu kuntratt (Dok JG1) fejn il-kumpannija konvenuta kkostitwiet ruhha bhala debitur cert u likwidu tal-kumpannija attrici fl-ammont ta` €93,720 ghal xoghol mibjugh u konsenjat. Fil-kuntratt kienet patwita l-modalita` tar-radd lura tal-ammont dovut.

“Mhux kontradett dak sostnut bil-gurament mir-rapprezentant tal-kumpannija attrici illi mill-ammont fuq riferit ta` €93,720, thallset biss is-somma komplessiva ta` sitt elef u tliet mitt Ewro (€6300) f`pagamenti rateali ; l-ahhar pagament sar fid-9 ta` Lulju 2011 u wara dakinhar xejn aktar.

“Qabel il-kumpannija attrici mexxiet bil-kawza tal-lum, ipprezentat ittra ufficjali fl-1 ta` Gunju 2012 (Dok JG2). L-att kien precedut minn korrispondenza ohra (Dok JG3 sa Dok JG6).

“Fl-udjenza tat-2 ta` Dicembru 2013 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, id-difensur tal-kumpannija konvenuta sostna li ghalkemm is-socjeta` konvenuta kienet debitrici ta` s-socjeta` attrici, l-ammont mitlub mill-kumpannija attrici fir-rikors guramentat ma kienx kollu dovut kif pretiz ghaliex minn dak l-ammont kieneu lahqu saru pagamenti. Minkejja dik id-dikjarazzjoni, il-kumpannija konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta guramentata u ghalhekk poggiet ruhha bi stat ta` kontumacja. U ghalkemm il-kumpannija konvenuta talbet u ottjeniet minn din il-Qorti kif presjeduta l-fakolta` li tipprezenta nota ta` osservazzjonijiet, hija naqset milli taghmel dan.

“

Fl-udjenza tat-13 ta` Marzu 2014, id-direttur tal-kumpannija attrici kkonferma bil-gurament li l-ammont pretiz kien ghadu dovut.

“Il-premess iwassal lil din il-Qorti biex tikkonkludi li t-talbiet attrici mhux biss mhumiex kontradetti izda huma ppruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

“Decide

“Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba, qeghda tilqa` l-ewwel u t-tieni talbiet tal-kumpannija attrici kif dedotti kontra l-kumpannija konvenuta u bl-imghax kif mitlub. Qeghda wkoll tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza komprizi l-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-1 ta` Gunju 2012, u l-ispejjez tal-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-rikors guramentat.”

RIKORS TAL-APPELL tas-soċjeta` konvenuta (03.07.2014):

3. Is-soċjeta` konvenuta ħassitha aggravata bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponiet dan l-appell minnha.

4. L-aggravju tagħha bażikament jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti ma għamlet l-ebda referenza għad-dokumenti ppreżentati minnha (**Dok A sa Dok G**), u ssaqsi:

> *“Tqum waħedha l-mistoqsija – Fil-każ odjern l-ewwel Qorti eżaminat jekk it-talba hix ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tas-soċjeta` konvenuta? Ingħata l-piż mistħoqq lid-dokumenti esebiti mill-istess konvenuta? Fil-fehma umli tal-esponenti appellanti u bid-dovut rispett, l-esponenti appellanti tħoss illi dan ma sarx u għalhekk qed jiġi interpost dan l-appell.”*

<u>RISPOSTA tal-appell tas-soċjeta` attriċi (24.07.2014):</u>

5. Is-soċjeta` attriċi wieġbet biex tgħid li l-appell tas-soċjeta` konvenuta għandu jiġu miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontriha.

6. Fl-ewwel lok targumenta li l-fatt li l-ewwel Qorti ma għamlitx riferenza għad-dokumenti esebiti mis-soċjeta` konvenuta (**Dok A sa Dok G**) ma jfissirx li ma ingħatawx il-piż mistħoqq. In oltre ssostni li d-dokumenti esebiti mis-soċjeta` konvenuta, bla spjegazzjoni u mingħajr konferma ġuramentata, ġew hekk esebiti biex jinkwinaw it-tentattiv tagħha (tas-soċjeta` attriċi) biex titħallas dak lilha dovut minn żmien:

(i) <u>Dwar Dok A</u> (vera kopja ta' <u>bankdraft</u>) – tispjega li dan kien sar biex jissalda tliet fatturi/xiri ta' ħlas fil-pront għaliex iċ-ċekkijiet tas-soċjeta` konvenuta ma kinux jissarfu.

(ii) <u>Dwar Dok B sa Dok G</u> (vera kopja ta' <u>fatturi</u> rigwardanti xogħlijiet ta' tqattigħ fl-irħam fuq inkarigu tas-soċjeta` attriċi, u li l-valur tagħhom jammonta għal €11,437.78) – issostni li irrispettivament mid-data li tidher fuqhom, dawn jirreferu għal xogħol magħmul **qabel** – u mhux wara - id-data tal-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-18 ta' Awwissu 2009.

PROVI (dokumenti)

7. Is-segwenti dokumenti (veri kopji) ġew esebiti mis-soċjeta` attriċi flimkien mar-rikors promotur:

**Dok JG1** **Skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 18.08.2009** bejn is-soċjeta` attriċi u s-soċjeta` konvenuta, fejn bażikament ġie miftiehem u ddikjarat is-segwenti:

- Is-soċjeta` attriċi timporta u tbiegħ irħam fil-waqt li s-soċjeta` konvenuta għandha ħanut fejn jinħadem l-irħam u li jinbiegħ lit-terz konsumatur;

- Is-soċjeta` attriċi tissupplixxi l-irħam lis-soċjeta` konvenuta u matul l-aħħar snin ħadet diversi partiti ta' rħam fuq kreditu;

- Matul dawn l-aħħar snin is-soċjeta` konvenuta tellgħet debitu ta' €93,720, filwaqt li qed isiru l-verifiki fuq ammont ieħor li ma jeċċedix is-somma ta' €11,650, li s-soċjeta` attriċi ssostni li huma dovuti filwaqt li s-soċjeta` konvenuta għad trid tivverifika;

- Is-soċjeta` konvenuta qed tikkostitwixxi ruħha debitriċi tas-soċjeta` attriċi fis-somma ta' €93,720;

- Is-soċjeta` konvenuta tobbliga ruħha li tħallas id-debitu permezz ta' pagamenti ta' mhux anqas minn **€700 fix-xahar**, bl-ewwel pagament jitħallas retrospettivament għax-xhur ta' Ġunju, Lulju u Awwissu 2009, u r-rimanenti pagamenti jitħallsu ratealment kull l-ewwel tax-xahar sakemm jitħallas l-ammont kollu. In oltre, oltre l-ħlasijiet mensili ta' €700, fuq kull perjodu ta' sena (mill-01.06.2009 sal-31.05.2010 u kull perjodu ta' sena sussegwenti) is-soċjeta` konvenuta għandha tħallas is-somma ta' **€6,000**. B'hekk fuq medda ta' sena trid tkun ħallset **€14,400**;

- Jekk is-soċjeta` attriċi tgħaddi xogħol b'appalt lis-soċjeta` konvenuta, dan jiġi stmat u jitnaqqas mill-aħħar pagamenti dovuti lis-soċjeta` attriċi u mhux mill-pagamenti tal-perjodu meta jinħadem ix-xogħol;

- Il-pagamenti jitħallsu mingħajr imgħax sakemm il-pagamenti jkunu regolari;

- F'każ li s-soċjeta` konvenuta tonqos li tagħmel żewġ pagamenti jew taqa lura fl-ammont ta' €1,400, jew tagħmel xi pagament permezz ċekk li ma jissarrafx**, allura l-ammont kollu jkun dovut minnufih**, is-soċjeta` konvenuta titlef il-benefiċċju tat-terminu u jkunu dovuti l-imgħaxijiet skont il-liġi mid-data tal-iskrittura;

- Il-partiti tal-irħam li jinxtraw mil-lum 'il quddiem għandhom jitħallsu fi flus kontanti sabiex il-kreditu ma jawmentax.

**Dok JG6** **Ittra datata 14.12.2009** mibgħuta mid-difensur tas-soċjeta` attriċi lil Victor Galea, direttur tas-soċjeta` konvenuta, fejn infurmah hekk:

"*Jinfurmak li f'dawn l-aħħar ħames xhur irċieva biss pagament wieħed u għalhekk qiegħed lura bi tlett pagamenti".*

**Dok JG5** **Ittra datata 10.05.2010** mibgħuta mid-difensur tas-soċjeta` attriċi lid-difensur tas-soċjeta` konvenuta fejn infurmah hekk:

"*Reference is made to the above and to our exchange of emails in December 2009 where you had confirmed that your client would come up to date with the promised payments.*

*To date I am informed that five months later no payment was affected and the last payment received was August 2009.*

*We trust that you agree that such default is not acceptable and that the matter must be remedied within 7 days from today.*

*Failure on the part of your client to come up with the payments promised will leave my client with no option but to pursue litigiously for recovery of all the debt due."*

**Dok JG4** **<u>Ittra datata 25.02.2011</u>** mibgħuta mid-difensur tas-soċjeta` attriċi lid-difensur tas-soċjeta` konvenuta fejn infurmah hekk:

*"My clients inform me that your client has failed to affect the monthly payments for a number of months now and the situation is no longer tolerable.*

*You are kindly requested to communicate with your client to ensure that payments are affected forthwith and in default of same, my clients have instructed me to pursue the matter litigiously."*

**Dok JG2** **<u>Ittra uffiċjali (1717/12) datata 01.06.2012</u>,** li permezz tagħha s-soċjeta` attriċi interpellat lis-soċjeta` konvenuta tħallas is-somma ta' €87,420 oltre l-imgħax dovut.

**Dok JG3** **<u>Email datata 04.07.2012</u>** mibgħuta mid-difensur tas-soċjeta` konvenuta lid-difensur tas-soċjeta` attriċi b'referenza għall-ittra uffiċjali tal-01.06.2012. Fiha ingħad hekk:

*"We are instructed to write on behalf of Victor Galea in his capacity as Director of VG Tiles CO Ltd. The issue in caption refers. Moreover reference is made to your*

> *client's judicial letter of the 1st June 2012 (1717/12).*
>
> *Kindly note that our client contends that payments have been made and moreover purchases have been made over the past month and trading remains constant between the parties. During the last month our client acquired over €9,000 worth of material.*
>
> *Whilst being aware of his contractual obligations, our client hereby commits to resuming his monthly regular payments shortly."*

8. Is-segwenti dokumenti (veri kopji) ġew esebiti mis-soċjeta` konvenuta flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tagħha ai termini tal-Artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

**Dok A** ***Bankdraft* tal-BOV** datat 08.04.2010 fl-ammont ta' €2,492 fejn l-"*ordering customer*" huwa Clifton Grech u l-"*beneficiary*" hija s-soċjeta` attriċi.

**Dok B** **Fattura 07.09.2009** maħruġa mis-soċjeta` konvenuta fuq is-soċjeta` attriċi. Fuqha hemm indikati diversi xogħlijiet ta' tqattigħ ta' irħam fl-ammont ta' **€2,102.76**

**Dok C** **Fattura 17.11.2009** maħruġa mis-soċjeta` konvenuta fuq is-soċjeta` attriċi. Fuqha hemm indikati diversi xogħlijiet ta' tqattigħ ta' irħam fl-ammont ta' **€1,393.57**

**Dok D** **Fattura 29.01.2010** maħruġa mis-soċjeta` konvenuta

fuq is-soċjeta` attriċi. Fuqha hemm indikati diversi xogħlijiet ta' tqattigħ ta' irħam fl-ammont ta' **€4,667.11**

**Dok E** **<u>Fattura 02.02.2012</u>** maħruġa mis-soċjeta` konvenuta fuq is-soċjeta` attriċi. Fuqha hemm indikati diversi xogħlijiet ta' tqattigħ ta' irħam fl-ammont ta' **€1,030.75**

**Dok F** **<u>Fattura 14.06.2012</u>** maħruġa mis-soċjeta` konvenuta fuq is-soċjeta` attriċi. Fuqha hemm indikati diversi xogħlijiet ta' tqattigħ ta' irħam fl-ammont ta' **€1,350.27**

**Dok G** **<u>Fattura 02.03.2013</u>** maħruġa mis-soċjeta` konvenuta fuq is-soċjeta` attriċi. Fuqha hemm indikati diversi xogħlijiet ta' tqattigħ ta' irħam fl-ammont ta' **€893.32**

<u>PROVI (xiehda)</u>

9. **<u>John Mary Gauci</u>**, direttur tas-soċjeta` attriċi, fir-rikors <u>maħluf</u> tiegħu tas-16 ta' Ottubru 2013 xehed illi sussegwentement għall-ftehim tat-18 ta' Awwissu 2009, fejn is-soċjeta` konvenuta kkostitwixxiet ruħha debitriċi tas-soċjeta` attriċi fis-somma ta' €93,720, l-istess soċjeta` konvenuta għamlet is-segwenti pagamenti:

<u>18.08.2009</u> dakinhar stess tal-iffirmar tal-iskrittura ħallset €2,100 rappreżentanti l-pagamenti għax-xhur ta' Ġunju, Lulju u Awwissu 2009;

<u>27.05.2010</u> ħallset is-somma ta' €2,100

<u>09.07.2011</u> ħallset is-somma ta' €2,100

10. Fix-xiehda tiegħu tat-13 ta' Marzu 2014 ikkonferma li l-ammont mertu ta' din il-kawża (€87,420) għadu dovut (cioe` ma saru l-ebda pagamenti apparti dawk it-tlieta li jissemmew fir-rikors). Kompla hekk:

> *"Minn mindu ppreżentajt il-kawża sa llum mhux biss ma tħallast xejn imma ma rċevejt l-ebda ittri jew korrispondenza oħra jew offerta mingħand il-kumpannija konvenuta."*

<u>IL-PROĊEDURA ODJERNA:</u>

11. Meta s-soċjeta` attriċi intavolat din il-kawża fis-16 ta' Ottubru 2013 talbet li din tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

12. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għat-2 ta' Diċembru 2013. Dakinhar dehru r-rappreżentanti tas-soċjetajiet kontendenti assistiti mid-difensuri tagħhom. Is-soċjeta` konvenuta ppreżentat nota ai termini tal-

Artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta (bid-dokumenti Dok A sa Dok G) u iddikjarat li għalkemm hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi l-ammont pretiż ta' €87,420 mhux dovut "*minħabba li saru diversi ħlasijiet li ma ġewx inklużi*".

13. Għalhekk il-Qorti tat lis-soċjeta` konvenuta l-fakolta` li tippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tagħha:

> *"…b'dan li fl-istess eċċezzjonijiet jew permezz ta' dokument anness, għandu jiġi indikat l-ammonti kollha mħallsa inkluż dokumenti ta' prova dwar dan, u l-ammont dovut skont l-istess soċjeta` intimata, kif ukoll prospett dwar kollox."*

(Is-soċjeta` konvenuta pero` ma ppreżentat xejn)

14. Fis-seduta sussegwenti tat-13 ta' Marzu 2014 il-Qorti osservat li s-soċjeta` konvenuta tinsab fi stat ta' kontumaċja. Fuq talba tas-soċjeta` konvenuta, il-qorti tatha l-fakolta` li tippreżenta nota ta' osservazzjonijiet fi żmien xahar u ddifferiet il-kawża għas-sentenza għas-17 ta' Ġunju 2014.

15. Tali nota ta' sottomissjonijiet baqgħet ma saritx, iżda tliet xhur wara, fit-13 ta' Ġunju 2014 (cioe` erbat ijiem biss qabel ma kellha tingħata s-sentenza), is-soċjeta` konvenuta ippreżentat rikors fejn talbet is-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, u tingħata ġimgħa żmien biex tippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet. Tali talba ġiet miċħuda fis-16 ta'

Ġunju 2014.

KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:

16. Is-soċjeta` konvenuta għalhekk, mhux biss naqset li tippreżenta l-eċċezzjonijiet tagħha (fatt li jirrendiha kontumaċi) u l-prospett tal-ħlasijiet allegatament magħmula minnha, kif mitlub mill-ewwel qorti, iżda addirittura naqset ukoll milli tippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha.

17. Kull ma jinsab fl-atti da parti tas-soċjeta` konvenuta għalhekk, hija (i) s-sempliċi nota ta' sottomissjonijiet tat-2 ta' Diċembru 2014 li s-soċjeta` konvenuta kienet ippreżentat għall-fini biex tattakka l-proċeduri sommarji intavolati mis-soċjeta` attriċi: cioe` biex l-ewwel Qorti tkun f'pożizzjoni biex "*prima facie*" tevalwa jekk għandhiex eċċezzjonijiet validi x'tagħti biex topponi t-talba tas-soċjeta` attriċi għall-ħlas ta' €87,420, u (ii) d-dokumenti annessi (Dok A sa Dok G), li kif ikkummentat is-soċjeta` attriċi appellata, <u>mhux konfermati bil-ġurament.</u>

18. Issa f'din l-imsemmija nota ta' sottomissjonijiet, is-soċjeta` konvenuta sostniet illi:

- Is-somma ta' €87,420 hija eżorbitanti u ma tinkludix il-

pagamenti kollha li għamlet wara li ġie iffirmat il-ftehim tat-18 ta' Awwissu 2009;

- Mhux minnu dak dikjarat fir-rikors promutur li mid-9 ta' Lulju 2011 ma għamlet l-ebda pagamenti;

- L-ammont ta' <u>€2,492</u> (Dok A) li tħallas b'*bankdraft* ma tnaqqasx;

- Saru "*diversi pagamenti*" b'ċekkijiet jew kontanti;

- Wettqet diversi xogħlijiet ta' tqattiegħ ta' irħam li kellha bżonn is-soċjeta` attriċi bil-valur komplessiv ta' <u>€11,437.78</u> (Dok B sa Dok G) li qatt ma ġie paċut;

19. <u>**Fir-rigward tal-"*bankdraft*" Dok A datat 8 ta' April 2010**</u> is-soċjeta` attriċi appellata, fir-risposta tal-appell tagħha, issostni li dan jirrappreżenta pagament biex jissalda tliet fatturi/xiri bi ħlas fil-pront. Skont hi għalhekk ma kellu xejn x'jaqsam mad-debitu mertu tal-iskrittura tat-18 ta' Awwissu 2009 mertu tal-kwistjoni. Din il-Qorti tosserva li din il-verżjoni hija kompatibbli ma' dik il-klawsola tal-ftehim tat-18 ta' Awwissu 2009 fejn jingħad li l-partiti tal-irħam li jinxtraw "*mil-lum il-quddiem għandhom jitħallsu fi flus kontanti sabiex il-kreditu ma jawmentax".* Inoltre

mill-korrispondenza bejn id-difensuri tal-partijiet (vide supra), jirriżulta li wara li ġie ffirmat il-ftehim is-soċjeta` kontendenti konvenuta effettivament kienet baqgħet tixtri materjal mingħand is-soċjeta` attriċi. Għalhekk fid-dawl ta' tali kontestazzjoni, il-*bankdraft* ma jistax jitqies bħala prova ta' pagament ta' €2,492 fir-rigward tad-debitu mertu tal-ftehim (u ta' din il-kawża).

20. **Fir-rigward tal-fatturi li jkopru l-perjodu mis-7 ta' Settembru 2009 sat-2 ta' Marzu 2013 (Dok B sa Dok G)** is-soċjeta` attriċi appellata, fir-risposta tal-appell tagħha, ssostni li minkejja d-dati indikati fuqhom, tali fatturi jirrappreżentaw xogħol magħmul **qabel** l-iskrittura tat-18 ta' Awwissu 2009 u mhux wara. Issostni li dawn id-dokumenti ġew redatti biss ai fini tal-kawża odjerna u b'dati sussegwenti għal dik tal-ftehim tat-18 ta' Awwissu 2009 *"f'tentattiv sabiex jiġi deraljat il-kors tal-ġustizzja".* Għalhekk skont hi dawn ma jistgħux jiġu paċuti mad-debitu mertu tal-ftehim tat-18 ta' Awwissu 2009. Fid-dawl ta' tali kontestazzjoni, u fin-nuqqas ta' prova da parti tas-soċjeta` konvenuta li tali xogħlijiet effettivament saru **wara** li ġie ffirmat il-ftehim, din il-Qorti ma tistax tqis tali fatturi bħala prova ta' tpaċija fl-ammont ta' €11,437.78 mid-debitu mertu tal-ftehim (u ta' din il-kawża).

Decide

21. Għal dawn il-motivi din il-Qorti assolutament ma tarax għaliex għandha tiddisturba l-konklużjoni tal-ewwel Qorti, u għalhekk qegħda tiċħad l-appell odjern u tikkonferma s-sentenza appellata.

22. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mis-soċjeta` konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr